

Brussell, 17 ta' Novembru 2023  
(OR. en)

15439/23

SOC 787  
EMPL 564  
CLIMA 560  
ECOFIN 1189

**NOTA**

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Messaġġi ewlenin mill-EMCO u l-KPS dwar l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-iżgurar ta' tranżizzjoni ġusta lejn in-newtralità klimatika - Approvazzjoni

---

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż il-messaġġi ewlenin mill-Kumitat tal-Impjiegi u l-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali dwar l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Ġunju 2022 dwar l-iżgurar ta' tranżizzjoni ġusta lejn in-newtralità klimatika li għandhom jiġu approvati mill-Kunsill (EPSCO) fis-sessjoni tiegħu tas-27 u t-28 ta' Novembru 2023.

Il-konklużjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi tar-Rieżami tal-Grupp ta' Analiżi tal-Politika (PAG) tal-EMCO jinsabu fl-Addendum għal dan id-dokument.

**Rieżamijiet mill-EMCO u l-KPS tal-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill  
dwar l-iżgurar ta' tranżizzjoni ġusta lejn in-newtralità klimatika**

**Messaġġi Ewlenin**

**1. Introduzzjoni**

**Il-Kumitat tal-Impjiegi (EMCO) u l-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali (KPS) huma inkarigati li jimmonitorjaw il-progress li sar fl-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-iżgurar ta' tranżizzjoni ġusta lejn in-newtralità klimatika.** Ir-Rakkomandazzjoni, adottata f'Ġunju 2022 bħala parti integrali mill-pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %", għandha l-għan li tiżgura li t-tranżizzjoni tal-Unjoni, lejn soċjetà b'impatt newtrali fuq il-klima u ambjentalment sostenibbli sa mhux aktar tard mill-2050, tkun ġusta u ma tħalli lil ħadd jibqa' lura. F'dan il-kuntest, l-Istati Membri qablu li jadottaw u jimplimentaw, b'kooperazzjoni mill-qrib mas-sħab soċjali, pakketti politiċi komprensivi u koerenti li jindirizzaw l-aspetti tal-impjiegi, tal-ħiliet u dawk soċjali tat-tranżizzjoni ekoloġika.

**Ir-Rakkomandazzjoni tirreferi għar-rwol tal-Kumitati li jimmonitorjaw l-implimentazzjoni tagħha fl-oqsma ta' kompetenza rispettivi tagħhom, abbażi ta' rappurtar adegwat u attivitajiet ta' sorveljanza multilaterali.** Fl-aħħar ta' Ottubru 2023, il-Grupp ta' Analiżi tal-Politika (PAG) tal-EMCO wettaq rieżamijiet multilaterali li jivvalutaw il-progress li sar minn kull Stat Membru fir-rigward tal-għoti ta' appoġġ attiv għal impjiegi ta' kwalità fil-kuntest tat-tranżizzjoni ekoloġika<sup>1</sup>, filwaqt li l-KPS kellu diskussjoni tematika dwar ir-rwol tas-sistemi tat-taxxa u l-benefiċċji u tal-protezzjoni soċjali fit-tranżizzjoni ekoloġika<sup>2</sup>. Barra minn hekk, kemm l-EMCO kif ukoll il-KPS ivvalutaw kwistjonijiet orizzontali, bħall-adozzjoni ta' approċċ "min-naħa tas-soċjetà kollha". Dawn il-*Messaġġi Ewlenin* huma bbażati fuq is-sejbiet taż-żewġ rieżamijiet, bil-*konklużjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi* tar-rieżami tal-PAG tal-EMCO inklużi fl-Addendum għal dan id-dokument.

<sup>1</sup> Il-PAG tal-EMCO ivvaluta wkoll miżuri rilevanti ta' benefiċċji tat-taxxa relatati mal-impjiegi, bħall-għoti ta' benefiċċji tal-qgħad u l-ispustjar tat-tassazzjoni lil hinn mix-xogħol.

<sup>2</sup> Dispożizzjonijiet rilevanti oħra, bħal dawk relatati mal-ħiliet, ser jiġu diskussi aktar fir-rieżamijiet li jmiss.

**Appoġġ attiv għal impjegi ta' kwalità**

**It-tranżizzjoni ekoloġika tinvolvi riallokazzjoni sinifikanti tal-ħaddiema u ħtiġijiet ta' ħliet sinifikanti, b'impatti akbar għall-industriji intensivi fl-enerġija (EII).**

**Dan ir-rieżami għandu l-għan li jivvaluta l-programmi u l-miżuri tal-Istati Membri biex jipprovdu appoġġ attiv għal impjegi ta' kwalità u tranżizzjonijiet innovattivi minn impjieg għall-ieħor fil-kuntest tat-tranżizzjoni ekoloġika, b'mod partikolari miżuri dwar is-servizzi tal-impjegi, korsijiet, inċentivi biex jakkumpanjaw tranżizzjonijiet (minn impjieg għall-ieħor), il-promozzjoni tal-intraprenditorija, l-aċċess għall-finanzjament, l-impatti fuq is-sikurezza u s-saħħa okkupazzjonali, il-prattiki tal-akkwist pubbliku u l-involviment attiv tal-partijiet ikkonċernati rilevanti, inkluż is-sħab soċjali.**

**B'mod ġenerali, il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri implimentaw sa ċertu punt miżuri u proġetti li jindirizzaw l-impatti soċjali u fuq l-impjegi tat-tranżizzjoni ekoloġika. L-Istati Membri fil-biċċa l-kbira jibbażaw ir-reazzjonijiet politiċi tagħhom fuq dipendenza qawwija fuq il-programmi, il-politiki u l-istrutturi eżistenti, filwaqt li pajjiż wieħed biss stabbilixxa qafas strateġiku u istituzzjonali ddedikat għal tranżizzjoni ġusta. Diversi Stati Membri rrappurtaw in-nuqqas ta' fehim komuni tal-politiki u d-definizzjonijiet adegwati u ħeġġew il-promozzjoni ta' skambju strutturat tal-aħjar Prattiki.**

**In-nuqqas ta' ħaddiema f'setturi kritiċi, bħall-enerġija, il-manifattura, il-kostruzzjoni, u s-servizzi professjonali, huwa element ta' tħassib dejjem akbar, u jesiġi aktar attenzjoni.**

Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri jiddependu fuq il-faċilitajiet eżistenti tas-Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi (PES) biex jindirizzaw sfidi ġodda, inkluż dawk relatati mat-tranżizzjoni ekoloġika. Fl-istess ħin, għadd iżgħar ta' Stati Membri bdew programmi ta' impjiegi b'enfasi fuq l-impjiegi ekoloġiċi, li - għalkemm għaddejjin - jinsabu fi stadju bikri u ser jeħtieġu valutazzjoni ulterjuri fis-snin li ġejjin. Xi Stati Membri għandhom fil-mira b'mod attiv il-gruppi vulnerabbli jew il-ħaddiema f'setturi u reġjuni speċifiċi b'industriji li qed jiġu gradwalment eliminati - bħall-faħam - li huma kkunsidrati fost dawk l-aktar fil-bżonn ta' appoġġ. B'mod komplementari, ċerti Stati Membri qed jiżviluppaw programmi ta' appoġġ għall-impjiegi ffukati fuq setturi speċifiċi u b'domanda għolja, bħall-kostruzzjoni, ir-riżorsi tal-enerġija rinnovabbli, u l-ekonomija ċirkolari. Fir-rigward tal-implimentazzjoni ta' dawn il-miżuri, diversi Stati Membri rrapportaw l-użu ta' fondi attwali jew futuri tal-UE għal dan l-għan, bħall-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta (JTF) u l-fondi tal-politika ta' Koeżjoni.

**Ġie rrapportat li l-miżuri ta' taħriġ mill-ġdid u ta' titjib tal-ħiliet għall-ekonomija ekoloġika huma fuq quddiem nett tal-aġendi tal-Istati Membri kollha**, minkejja li mhumiex direttament inklużi fl-ambitu tar-rieżami attwali<sup>3</sup>. Dan juri l-enfasi aktar qawwija li tpoġġiet fuq dawn il-miżuri u mhux fuq inizjattivi oħra biex jiġi promoss appoġġ attiv għal impjiegi ta' kwalità (jiġifieri miżuri ta' tranżizzjoni minn impjieg għall-ieħor, bħal allowances tranżitorji). F'dan il-kuntest, kwistjoni rikorrenti rrapportata hija l-ħtieġa li jiġu żviluppati aktar għodod analitiċi u ta' monitoraġġ li jgħinu fit-tfassil ta' pakketti politiċi komprensivi u biex tiġi segwita l-effikaċja ta' dawn il-programmi. B'mod partikolari, l-Istati Membri enfasizzaw in-nuqqas ta' definizzjoni operattiva universali ta' impjiegi u ħiliet ekoloġiċi u argumentaw li dan jista' jfjixkel ir-reviżjoni tal-programmi ta' taħriġ u l-kurrikuli, inkluż l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali. Madankollu, xi Stati Membri jqisu li l-programmi ta' taħriġ eżistenti tagħhom huma adegwati biex jindirizzaw ukoll l-isfidi relatati mat-tranżizzjoni ekoloġika, b'mod partikolari minħabba approċċ preventiv ibbażat fuq l-indirizzar tas-sensji li ġejjin.

<sup>3</sup> Huma inklużi biss "korsijiet għall-grupp fil-mira (imfassla għal dawk li qed ifittxu impjieg) li jindirizzaw ukoll il-ħiliet ekoloġiċi u diġitali fejn xieraq". Kwistjoni speċifika għall-ħiliet ser tkun koperta f'rieżamijiet futuri.

**Fir-rigward tal-inċentivi biex jakkumpanjaw it-tranżizzjonijiet u l-mobbiltà fis-suq tax-xogħol bejn is-setturi u r-reġjuni, inkluż tranżizzjonijiet innovattivi minn impjeg għall-ieħor**, il-biċċa l-kbira tal-pajjiżi stabbilew skemi u miżuri ġenerali, bl-implimentazzjoni ta' ffit prattiki tajba, bħall-"allowances tranżitorji professjonali".

**Tema komuni fost l-Istati Membri hija l-ħtieġa imperattiva li titrawwem tranżizzjoni ġusta permezz tad-djalogu soċjali u n-negozjar kollettiv.** Fir-rikonoxximent tal-importanza ta' involviment attiv tas-sħab soċjali, diversi Stati Membri fittxew li jisfruttaw il-mekkaniżmi eżistenti tad-djalogu soċjali biex jindirizzaw l-isfidi soċjali u tas-suq tax-xogħol li jirriżultaw mit-tranżizzjoni. L-istrategġji ta' involviment tal-ħaddiema, b'mod partikolari fil-kuntest tar-ristrutturar, ġew implimentati minn ħafna pajjiżi, u dan ippermetta approċċ kollettiv għax-xenarju ekonomiku li qed jinbidel. It-tranżizzjoni lejn ekonomija aktar ekoloġika għandha implikazzjonijiet sinifikanti wkoll fil-livell reġjonali u lokali, li jeħtieġu aċċettazzjoni pubblika u sjieda qawwija tal-politiki u l-investimenti. Għaldaqstant, lil hinn mid-djalogu soċjali, l-involviment tal-atturi nazzjonali, reġjonali u lokali, inkluż is-soċjetà ċivili, permezz ta'approċċ min-naħa tas-soċjetà kollha huwa ta' importanza kbira.

**B'mod ġenerali, hemm sensibilizzazzjoni dejjem akbar dwar il-ħtieġa li jiġu promossi l-intraprenditorija ekoloġika u l-intraprenditorija soċjali.** Filwaqt li l-miżuri ta' appoġġ immirati li jindirizzaw lill-ħaddiema affettwati mit-tranżizzjoni ekoloġika għadhom limitati, l-appoġġ intraprenditorjali, flimkien mal-aċċess għall-finanzjament għal impriżi ekoloġiċi innovattivi, qed isir punt fokali f'diversi Stati Membri biex jidderieġu l-intraprenditorija u l-innovazzjoni f'allinjament mat-tranżizzjoni ekoloġika. Barra minn hekk, politiki tal-akkwist pubbliku ġew introdotti fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, għalkemm hemm ħtieġa ċara ta' aktar sforzi sostanzjali f'xi pajjiżi biex isir użu effettiv mill-akkwist strateġiku bil-ħsieb li tiġi appoġġata tranżizzjoni ġusta.

**Biex jindirizzaw ir-riskji dejjem akbar għas-saħħa u s-sikurezza assoċjati mas-setturi milquta mit-tibdil fil-klima, xi Stati Membri qed itejbu wkoll il-funzjonament u l-operazzjonijiet tal-ispettorati tax-xogħol**, b'enfasi dejjem akbar fuq setturi relatati mal-ambjent, kif ukoll l-isfidi li jirriżultaw mit-tibdil fil-klima, bħall-esponiment għas-sħana u l-istress minnha f'xi pajjiżi.

## 2. Protezzjoni soċjali u benefiċċji tagħha

**Il-biċċa l-kbira tal-pajjiżi qed jieħdu miżuri biex itejbu s-sistemi ta' protezzjoni soċjali eżistenti tagħhom li jindirizzaw l-isfidi tal-impjiegi u dawk soċjali, għalkemm ftit pajjiżi biss jindirizzaw b'mod espliċitu kif dawn is-sistemi jqisu l-isfidi tat-tranżizzjoni ekoloġika.** Kien hemm appell qawwi għal skambju komprensiv u strutturat tal-aħjar Prattiki bl-appoġġ tal-Kummissjoni.

**Aktar bidliet sistematiċi, li jirriflettu b'mod ċar l-isfidi l-ġodda tat-tranżizzjoni ekoloġika jistgħu jkunu ġġustifikati fl-aġġustament tas-sistemi eżistenti ta' protezzjoni soċjali.** Il-miżuri biex jiġu aġġustati s-sistemi ta' protezzjoni soċjali eżistenti jvarjaw ħafna fl-ambitu u fiż-żmien. Xi pajjiżi jqisu li s-sistemi eżistenti huma biżżejjed biex jipprovdu protezzjoni soċjali għall-individwi milquta mit-tranżizzjoni ekoloġika u għandhom jibqgħu sostenibbli. Barra minn hekk, ftit pajjiżi biss jimplimentaw miżuri biex itejbu s-soluzzjonijiet għat-tnaqqis tar-riskju u għat-trasferiment tar-riskju biex jiproteġu l-unitajiet domestiċi u l-intrapriżi, u l-miżuri jvarjaw ħafna mil-lat ta' aċċess u affordability tas-soluzzjonijiet tal-assigurazzjoni. Ser ikunu meħtieġa aktar sforzi għal tnaqqis aktar effiċjenti tad-distakk fil-protezzjoni mill-klima, jiġifieri s-sehem tat-telf ekonomiku mhux assigurat fit-telf totali minħabba avveniment katastrofiku relatat mal-klima, bħal għargħar, nirien fil-foresti jew nixfiet.

**F'għadd ta' Stati Membri, hemm lok għal spustjar ulterjuri tat-tassazzjoni 'l bogħod mix-xogħol lejn sorsi oħra li jappoġġaw aktar l-għanijiet ambjentali.** Madankollu, it-taxxi ambjentali jista' jkollhom effetti distributtivi negattivi, billi jpoġġu piż komparattivament ogħla fuq l-unitajiet domestiċi b'introjtu aktar baxx. Ftit hemm informazzjoni disponibbli dwar kif l-Istati Membri beħsiebhom jużaw id-dħul pubbliku mit-taxxi fuq l-enerġija u dawk ambjentali biex jagħmlu tajjeb għall-impatti soċjali u distributtivi negattivi tal-politiki dwar it-tibdil fil-klima. L-użu tad-dħul għal benefiċċji soċjali aktar immirati li jipprovdu relattivament aktar appoġġ lil unitajiet domestiċi ifqar jista' jtejjeb l-eżiti distributtivi tar-riformi tat-taxxa ekoloġika bħal miżuri tal-ipprezzar tal-karbonju.

**Kważi l-Istati Membri kollha diġà implimentaw jew qed jippjanaw li jimplimentaw riformi biex itejbu l-aċċess u l-kwalità tas-servizzi tal-kura fit-tul u tal-kura tas-saħħa u/jew tal-indukrar tat-tfal, li huma kruċjali għall-unitajiet domestiċi vulnerabbli l-aktar milquta mit-tranżizzjoni ekoloġika.** Il-biċċa l-kbira tar-riformi jinkludu enfasi qawwija fuq it-tnaqqis tal-inugwaljanzi reġjonali fil-kwalità u l-aċċess għall-kura u/jew miżuri biex jitnaqqsu l-emissjonijiet, bħal rinnovazzjonijiet effiċjenti fl-enerġija jew kostruzzjonijiet ta' faċilitajiet tal-kura. Segwitu għal dawn il-pjanijiet jeħtieġ strutturi ta' monitoraġġ rigorużi u valutazzjoni tal-impatt.

**Fl-aħħar nett, u minkejja li ma kinux koperti direttament fir-rieżami attwali, kważi l-Istati Membri kollha rrappurtaw miżuri temporanji, prinċipalment fil-forma ta' benefiċċji u allowances, lill-unitajiet domestiċi l-aktar milquta mill-inflazzjoni fil-prezzijiet tal-enerġija kkawżata mill-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u l-perjodu sussegwenti ta' inflazzjoni għolja.** F'dan il-kuntest, ħafna pajjiżi stabbilew appoġġ dirett għall-introjtu mmirat u temporanju, b'mod partikolari għal persuni u unitajiet domestiċi f'sitwazzjonijiet vulnerabbli, biex itaffu l-iżviluppi negattivi fl-introjtu u fil-prezzijiet. Il-biċċa l-kbira minnhom applikaw allowances speċifiċi temporanji biex jikkumpensaw għaż-żieda fil-prezzijiet, b'xi eżempji ta' aġġustamenti temporanji fil-livelli eżistenti tal-benefiċċji jew tal-pensjonijiet.

### **3. Konklużjonijiet**

**B'mod ġenerali, l-Istati Membri bdew isibu soluzzjonijiet għall-isfidi kumplessi li jirriżultaw mit-tranżizzjoni ekoloġika, b'differenzi sinifikanti bejn il-pajjiżi fir-rigward tal-politiki implimentati.** Filwaqt li kollha jżommu impenn politiku qawwi lejn l-iżgurar ta' tranżizzjoni ekoloġika ġusta, il-biċċa l-kbira tagħhom jinsabu fl-istadju bikri tal-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni, bil-progress ġenerali juri sitwazzjoni eteroġenja madwar l-UE. Qed isiru passi 'l quddiem fl-Istati Membri kollha, minkejja l-enfasi qawwija fuq il-mekkaniżmi u l-oqfsa politiċi eżistenti. Għad hemm lok għal approċċ aktar sistematiku, koordinat u koerenti fl-indirizzar tal-isfidi għal tranżizzjoni ġusta, inkluż immirar effiċjenti.

**L-ewwel rieżami indika li minħabba l-profondità tiegħu u l-interpretazzjoni potenzjalment differenti tal-politiki ta' tranżizzjoni ġusta, instab li l-eżerċizzju kien diffiċli li jiġi kkoordinat fil-livell nazzjonali,** li jwassal għal livelli differenti ta' granularità tal-kontributi mill-Istati Membri. Għad hemm lok biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni intergovernattiva fl-Istati Membri. Barra minn hekk, l-Istati Membri ħeġġew il-promozzjoni ta' skambju strutturat tal-aħjar prattiki ffaċilitat mill-Kummissjoni. It-tagħlim reċiproku fil-livell tal-UE jista' jikkontribwixxi għat-titjib tas-sistemi nazzjonali u l-koordinazzjoni ta' diversi żviluppi politiċi li jappoġġaw aktar progress fl-iżgurar ta' tranżizzjoni ekoloġika ġusta.

**Ir-rieżamijiet imwettqa mill-EMCO u l-KPS żvelaw diversi sfidi komuni evidenti, mid-definizzjoni ta' ħiliet u okkupazzjonijiet ekoloġiċi sal-indirizzar tan-nuqqas ta' ħaddiema u l-implimentazzjoni ta' politiċi effettivi dwar it-tassazzjoni u s-sussidji.** F'dan il-kuntest, l-isfidi fl-oqsma kollha tar-Rakkomandazzjoni ser jeħtieġu attenzjoni kostanti fis-snin li ġejjin. B'mod partikolari, f'ħafna Stati Membri, għandha tissaħħaħ il-koordinazzjoni tal-politika dwar il-kwistjonijiet ta' tranżizzjoni ġusta u ekoloġika, inkluż biex jiġi żgurat involviment attiv effettiv tas-sħab soċjali. Għandha tħeġġeġ ukoll approċċ min-naħa tas-soċjetà kollha, permezz ta' parteċipazzjoni usa' tas-soċjetà ċivili fit-tranżizzjoni ekoloġika fil-livelli kollha. Mekkaniżmi ta' koordinazzjoni nazzjonali aktar b'saħħithom, bħall-indikazzjoni ta' awtoritajiet responsabbli u pjattaformi nazzjonali dedikati, irriżultaw bħala soluzzjonijiet potenzjali għall-integrazzjoni tal-miri ambjentali f'oqsma differenti tat-tfassil tal-politika.

**Għall-futur, aktar monitoraġġ u evalwazzjoni ta' miżuri ta' tranżizzjoni ġusta ser ikunu kruċjali biex jiggwidaw deċiżjonijiet politiċi futuri.** Il-monitoraġġ tal-azzjonijiet eżistenti u ppjanati għandu għalhekk jitkompla, b'aktar ħidma biex tissaħħaħ il-bażi tal-evidenza u jittejjeb il-proċess ta' monitoraġġ, inkluż billi jiġi promoss fehim komuni tal-kunċetti ewlenin, bħall-impjiegi u l-ħiliet ekoloġiċi, u bl-involviment tas-sħab soċjali, is-soċjetà ċivili u ċ-ċittadini. Il-governanza u l-monitoraġġ adegwati ta' din ir-Rakkomandazzjoni, fejn rilevanti, fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, inkluż fil-qafas tal-kumitati rilevanti, fl-oqsma ta' kompetenza rispettivi tagħhom, huma kruċjali għat-traċċar u l-promozzjoni tal-progress lejn l-implimentazzjoni ta' dan l-istrument mhux vinkolanti.

**Barra minn hekk, allokazżjoni robusta u użu effettiv tal-fondi disponibbli tal-UE – mill-Politika ta' Koeżjoni għall-Fondi għal Tranżizzjoni Ġusta u l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza – jistgħu jappoġġaw lill-Istati Membri fl-indirizzar tal-isfidi u fil-kisba tal-għanijiet relatati, kontra r-riskji li jibqgħu lura fir-rigward tal-ħtiġijiet ta' investiment biex tiġi ffaċilitata tranżizzjoni ekoloġika ġusta. Punt mill-aktar sinifikanti huwa li l-fondi kollha tal-UE jipprevedu l-istabbiliment ta' sistemi adegwati għall-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-użu u l-effettività tal-miżuri implimentati, f'konformità mar-regolamenti tal-UE. L-Istati Membri għandhom jiżguraw ukoll koerenza mal-Pjanijiet Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima u jkunu lesti li jagħmlu l-aħjar użu mir-riżorsi li jkunu disponibbli fl-2025 permezz tal-Fond Soċjali għall-Klima biex jittaffa l-impatt negattiv possibbli tal-estensjoni tas-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet għall-bini u t-trasport bit-triq.**

---